9 ta' Diċembru, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.

*Neg. Antonio Theuma ne. versus Kaptan Ronald Smith ne.*

## Kaptan — Aġent tal-Vapur — Stivaġġ Ħażin — Danni — Polza tal-Kariku.

*Għall-istivaġġ tal-merkanzija fuq il-vapur li għandu jittrasportaha huwa responsabili l-kaptan, li jirrappreżenta lis-sid tal-vapur, u s-sid stess; u l-kaptan huwa mistenni li jkollu l-kapaċità meħtieġa u s-sengħa, u li juża ħiltu u d-diliġenza kollha li jkun hemm bżonn.*

*Il-kumpannija tal-vapur għandha tieħu l-prekawzjonijiet li jkun hemm bżonn u d-diliġenza meħtieġa biex tara li l-merkanzija tiġi konsenjata lid-destinatarju tagħha, u mhux lil ħadd ieħor.*

*Dawn huma fatti ta' negliġenza li jirrendu lill-kaptan u lill-kumpannija tal-vapur responsabili għad-danni.*

*L-kwalunkwe klawsola fil-polza tal-kariku fis-sens li l-kumpannija tal-vapur tkun eżenti mir-responsabilità tan-negliġenza u ħtija ta' l-aġenti tagħha ma tiswiex, għax hija immorali.*

L-attur fit-taħrika qal illi fuq il-vapur "Andrea Gritti" tal-Kumpannija tan-Navigazzjoni msemmija ġew imgħobbija minn New York 797 kaxxa rum Jamaica Dark "Coruba" (dok. A), li huma parti minn 800 kaxxa li hu xtara minn għand id-ditta "The Rum Company" ta' Jamaica per mezz ta' John Gärdner ta' Londra (dok. B); li minn dawn is-797 kien hemm disa' fliexken miksura, biex jiġu trasportati Malta; u illi meta l-imsemmi vapur wasal Malta għall-ħabta tat-22 ta' Frar 1946, instabu u nħattu biss minnu 62 kaxxa mill-imsemmija 797 kaxxa rum, li minnhom 40 biss kienu sħaħ, u mit-22 l-oħra kien hemm biss ħdax-il flixkun sħiħ; u illi huwa nterpella inutilment lill-konvenut nomine biex jikkonsenjalu l-merkanzija mankanti; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) jiġi prefiss lill-konvenut minn din il-Qorti terminu qasir u perentorju biex jikkonsenja lilu s-735 kaxxa rum mankanti, nieqsa disa' fliexken; (2) il-konvenut, fil-każ li ma jikkonsenjax dik il-merkanzija fit-terminu li jiġi lilu prefiss, jiġi kundannat iħallas lilu l-valur ta' l-istess 745 kaxxa rum, nieqsa disa' fliexken, ammontanti għal £2757. 15. 7; (3) il-konvenut nomine jiġi dikjarat responsabili tad-

danni li l-attur sofra bin-nuqqas tal-konsenja tal-merkanzija ndikata, u li jista' jsofri anki jekk il-merkanzija tiġi konsenjata lilu tardivament—danni li għandhom jiġu likwidati f'din il-kawża jew f'oħra separata. Bil-lukri kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-12 ta' April 1946;

*Omissis;*

Mill-provi jriżulta li l-attur kien ordna 800 kaxxa rum "Coruba" lid-dar "The Rum Company (Jamaica) Ltd." ta' Kingston, Jamaica, li tagħha huwa l-aġent, u ħallasha bi kreditu li fetaħ favur dik id-dar permezz tan-National Bank of Malta. Id-dar bagħtet dik il-merkanzija fuq vapur li daħal New York; u hemm, għall-habta tal-bidu ta' Frar 1946, sar trasbord għal fuq il-vapur "Andrea Gritti", li kellu jsiefer għal Napli u Malta. Iżda l-vapur "Andrea Gritti", mit-800 kaxxa rċieva abbord 797 biss, u minn dawna kien hemm disa' fliexken miksurin. Ġara li fuq dak il-vapur fi New York giet imgħobbija merkanzija oħra destinata għal Napli, u dina l-merkanzija tqiegħdet taħt il-merkanzija destinata għal Malta. Għalhekk, meta l-vapur wasal Napli, il-merkanzija destinata għal Malta ġiet maħtuta u żbarkata f'dak il-port, u bi żball ieħor ġiet konsenjata, skond ma jidher mill-korrispondenza, lin-N.A.A.F.I. ta' hemm (fol. 159, 167 u 169). Sadattant il-vapur "Andrea Gritti" telaq mill-port ta' Napli u ġie Malta; u meta l-aġent tal-kumpannija rappreżentata mill-konvenut ipprova jirrimedja u ġabar il-merkanzija biex jibgħatha Malta, vapur ieħor ma kienx hemm għal aktar minn xahrejn; u sa fl-aħħar il-merkanzija ġiet imgħobbija fuq vapur ieħor ta' l-istess kumpannija, S.S. Santana, u waslet Malta b'ħafna nuqqas u ħsara, meta dina l-kawża kienet ġà bdiet;

Minn dana li ntqal jidher li kaġun ta' kull ma ġara, u li ġieb id-dewmien bla bżonn, kienu żewġ żbalji kbar tal-kaptan u ta' l-aġenti tal-kumpannija rappreżentata mill-konvenut, illi bdew biex, meta għabbew il-merkanzija fi New York, għabbew u stivaw il-merkanzija destinata għal Napli taħt il-merkanzija destinata għal Malta, u b'hekk ħolqu, ħtijiet tagħhom, in-neċessità li jħottu f'Napli l-merkanzija destinata għal Malta;

Huwa elementari li l-istivaġġ ma għandux isir hekk, speċjalment meta ebda raġuni ma jkun hemm li għaliha fl-isti-

vaġġ wieħed jaqleb ir-regola u l-prattika u s-sengħa. Għalhekk dak li ġara ma setax kien dovut ħlief għal nuqqas ta' attenzjoni u għal negliġenza. Mill-istivar, kif sewwa jrrileva l-attur, huwa prinċipalment responsabili l-kaptan tal-vapur, li jirrappreżenta s-sid, u s-sid stess; u l-kaptan huwa mistenni li jkollu l-kapaċità meħtieġa u s-sengħa, u li juża ħiltu u d-diliġenza kollha meħtieġa;

*Omissis;*

U mbagħad f'Napli sar it-tieni żbail, meta ma ġewx meħuda l-prekawzjonijiet u d-diliġenza biex il-kumpannija tara li l-merkanzija destinata għal Malta kienet destinata għal negozjanti privati; u dik il-merkanzija ġiet konsenjata bi żbail lin-N.A.A.F.I. ta' Napli, bil-konsegwenza ta' ritard u telf ta' żmien rilevanti. Dawna huma fatti ta' negliġenza, li tirrendi l-kumpannija rappreżentata mill-konvenut responsabili talħsara. U ebda klawsola fil-polza tal-kariku ma tista' jkollha l-effikaċja li teżonera lill-kumpannija tal-vapur mir-responsabilità tan negliġenza u ħtija ta' l-aġenti tagħha, u għalhekk tagħha nnifisha; għax kwalunkwe patt preventiv li bih wieħed jeskludi r-responsabilità proprja għan-negliġenza proprja huwa immorali, kuntrarju għall-ordni publiku, u għalhekk ma jgħoddx;

Il-konvenut irrileva li skond il-patt numru 7 tal-polza talkariku, il-kumpannija tal-vapur kellha dritt tagħmel trasbord tal-merkanzija u tibgħatha ma' vapur ieħor, jew b'mezz xorta oħra. Iżda, apparti l-effett prattiku u ġuridiku li jista' jkollu dak il-patt, il-Qorti ttenni mill-ġdid li d-dewmien u dak kollu li ġara ma ġarax għax sar trasbord, iżda għax il-merkanzija, minħabba stivaġġ ħażin kontra s-sengħa, kellha tinħatt f'Napli, u wara, bi żball ieħor ta' l-istess kumpannija, saret konsenja lil min ma kienx intitolat għaliha, u b'hekk il-merkanzija ma setgħetx tkompli l-vjaġġ għal Malta fuq il-vapur li kien ġiebha mill-Amerika;

Il-konvenut invoka wkoll favur tiegħu l-"War clause" tal-polza tal-kariku. Iżda s-sempliċi qari ta' dik il-klawsola juri li mhix applikabili għall-każ preżenti; u tabilħaqq, meta l-vapur in kwistjoni daħal Napli fi Frar 1946, il-gwerra kienet ilha li spiċċat;

Għaldaqstant għar-raġunijiet li ġew rilevati, il-konvenut

nomine huwa responsabili tal-ħsara li effettivament sofra l-attur, kif tinsab limitata bin-nota tiegħu fil-fol. 224 tal-proċess, salvo dak li sejjer jingħad......... Għaldaqstant l-attur, tat-42 kaxxa, għandu jieħu mhux kemm qal il-perit, iżda £154. 7. 0 kif talab l-attur u ammetta l-konvenut;

Fuq il-ħsara kawżata mid-dewmien, il-Qorti tosserva li bl-aċċettazzjoni tal-merkanzija l-attur ma rrinunzjax għaddanni. Huwa għamel sewwa aċċetta l-merkanzija li waslet, għax kien ġà ħallasha; u mill-mitluf wieħed jieħu li jista'. Il-konvenut jippretendi li l-ħsara li l-attur huwa ntitolat għaliha hija kalkolabili biss fuq ir-rata ta' l-ingħax fuq il-valur tal-merkanzija li ma ġietx għax intilfet. Iżda fl-art. 1178 tal-Kodiċi Ċivili u l-prinċipji ġenerali tad-Dritt, l-attur għandu dritt għat-telf li bata u l-qliegħ li ġie mtellef. Skond il-"costing" l-attur seta' kellu qliegħ tat-12½%; u minħabba d-domanda li fi Frar 1946 kien hawn fis-suq tar-rum, mhux verosimili li l-attur ma kienx sejjer jaqla' dawk it-12½% li kieku l-merkanzija waslet. Għaldaqstant, barra l-valur tat-42 kaxxa, ammontanti għal £154. 7. 0. l-attur għandu dritt għall-qliegħ tat-12½% li tilef fuq dik is-somma;

Rigward is-663 kaxxa u erba' fliexken li waslu f'kondizzjoni tajba............ Għaldaqstant "arbitrio boni viri" l-Qorti, fil-waqt li tħaddan is-suġġerimenti tal-perit, tillikwida d-danni fuq il-bażi tal-10%...........;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża fuq it-talbiet kif ġew ridotti, billi tiddikjara li ma hemmx lok iżjed ta' prefissjoni tat-terminu, mitluba fl-ewwel talba; u tipprovdi t-talbiet l-oħrajn, billi tikkundanna lill-imħarrek nomine jħallas lill-attur il-valur ta' 42 "cartons", ossija kaxxa, fliexken rum, ammontanti għal £154. 7. 0, u jħallas ukoll lill-attur id-danni fuq imsemmija ammontanti komplessivament għas-somma ta' £606. 1. 9. Bl-imgħax kummerċjali fuq £154. 7. 0 mid-data tal-protest tat-12 ta' April 1946, u fuq il-kumplament mil-lum;

L-ispejjeż iħallashom l-imħarrek nomine.